**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 25 ta' Gunju, 2025**

Numru 13

**Appell Nru. 6/2025**

**Moviment Graffitti, Rozanne Zarb Cousin, Carmel sive Charles Cassano, Stephen Ciantar, Pierre Chircop, Marcelle Chircop, Joseph Muscat, Paul Pisani, Monica Pisani, George Sciberras, Gabriella Sciberras, Kira Sciberras, Remigio Zammit Pace, Nicholas Naudi, Monica Catherine Abdilla, David Camenzuli, Robert Gatt, Costantino Borg, Paul u Jacqueline Mercieca, Tony u Rosella Darmanin, Joseph Borg, Joseph Lautier, Joseph Mohnani, Jaak Van Vilet, Sergey Ivanov, Alfred Vella, Josie u Ms Franca Muscat, Darryl Zarb Cousin, Elena Gerasimchu u Patrick Dato Mallia**

**vs**

**L-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi**
**l-kjamat in kawza ST Property Investments Ltd. Att: Michael Stivala**

**Il-Qorti,**

Din hi sentenza preliminari dwar il-locus standi tal-erba' appellanti senjatament Joan de Jong, Simon Camillleri, Angele Azzopardi u Charles Anthony Falzon li gew indikati fl-ahhar nota tas-socjeta appellata tad-9 ta' Gunju 2025. Is-socjeta appellata ST Property Investments Limited issostni li la darba ma kinux fost it-terzi appellanti li ippartecipaw quddiem it-Tribunal ma ghandhomx jedd ta' appell mid-decizjoni tat-

Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-25 ta' Frar 2025 quddiem din il-Qorti u l-appell taghhom hu null.

Dawn it-terzi jsostnu illi huma terzi oggezzjonanti quddiem it-Tribunal u ghalhekk ghandhom dritt jappellaw.

Jibda biex jinghad li dan hu appell minn decizjoni tal-ERA konfermata mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u Ippjanar li jirrigwarda aggornament ta' environment impact assessment. L-appelli mid-decizjonijiet tal-ERA huma regolati mill-artikolu 47(1) tal-Kap. 551 li jghid li kull parti tista' tappella lit-Tribunal skont kif jipprovdi l-Kap. 549 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent liema dritt skont l-artikolu 47(4) hu miftuh ghal kull parti aggravata mid-decizjoni tal-Awtorita minghajr bzonn li tipprova l-interess taghha fil-kwistjoni, ghalkemm l-artikolu 47(9) it-terz appellant irid jissottometti motivazzjonijiet ragunati bazati fuq konsiderazzjonijiet ambjentali li jiggustifika l-appell tieghu.

Hu minnu illi l-artikolu 47(11) jeskludi l-applikazzjoni tal-artikolu 11 u 21 tal-kap. 552 li jirreferu ghal procedura kif wiehed jirregistra l-interess tieghu biex jippartecipa bhala terz interessat quddiem l-Awtorita. Il-Kap. 549 fl-artikolu 59(3), (4) u (5) tghid li kull persuna li tiddikjara interess f'applikazzjonijiet fosthom dawk li jinneccessitaw EIA jistghu juru l-interess taghhom bil-miktub li ghandha tasal ghand il-Bord tal-Awtorita fiz-zmien preskritt mill-ligi liema rapprezentazzjonijiet jekk maghmula skont il-ligi jigu kunsidrati mill-Bord tal-Awtorita. Induru lura ghall-Kap. 551 l-artikolu 50(2) ighid li l-appellant u kull persuna ohra li ippartecipat quddiem it-Tribunal jista' jappella quddiem il-Qorti.

L-appellat isostni hekk fis-sottomissjoni tieghu tad-9 ta' Gunju 2025:

> Illi jekk u meta dawn l-individwi indikaw li riedu jippartecipaw f'dan l-appell, hija informazzjoni li l- Appellata certament m'ghandhiex. U lanqas ma wiehed jista jifhem f'liema kapacita ghazlu li jippartecipaw ghaliex l-appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita Appellata huma regolati mill- Artikolu 47 tal-Kap. 551. Skont l-Artikolu 47(11) l Artikolu 21 tal-Kap. 551 ma japplikax ghal dawn l-appelli.
> Illi f'kull kaz, huwa inkoncepibbli kif persuna taghzel, minkejja li kellha kull dritt, li ma tappellax minn decizjoni tal-Awtorita, izda taht il-pretest li "ippartecipat" f'appell billi bghatet email bla motivazzjoni u bla argumenti, tqis

> ruhha bhala persuna li ippartecipat f'appell u ghaldaqstant tista' tappella minn decizjoni tat-Tribunal a bazi ta' l-artikolu 50 (2) tal- Kap. 551.
> Is-sentenzi moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fejn spjegat id-dritt ta' appell a bazi ta' dan l-artikolu, kienu sentenzi fuq appelli li saru minn terzi li kienu "ippartecipaw" fl-appell quddiem it-Tribunal fi process ta' appell fejn l-applikant ta' applikazzjoni ghall-izvilupp kien l-Appellant. F' dawk il- kazijiet certament illi wiehed jifhem dan l-insenjament ghaliex it-terz (objector) ma jkunx parti fl-appell li jkun ghamel l-applikant wara rifjut tal- applikazzjoni mill-Awtorita, u f'dak il-kaz it-terz (objector) ikun biss ippartecipa fl-appell. Fil- kaz fejn l-appell isir minn terzi wara l-approvazzjoni minhabba EIA, kull persuna ghandha dritt li tappella (u f'dan il-kaz minnghajr limitazzjoni stante li dan huwa appell minn EIA. Persuna li ghazlet li ma tappellax, u li certament ma tistax tqis ruhha aggravata mid-decizjoni tal-Awtorita, certament li ma tistax tqis ruhha aggravata mid-decizjoni tat-Tribunal meta dan jikkonferma id-decizjoni tal-Awtorita (bhal ma kien dan il- kaz).

Il-Qorti tirreferi ghall-atti quddiem din il-Qorti u tqis illi l-partijiet imsemmija mir-rikorrent ma jidhrux bhala partijiet fl-okkju tad-decizjoni tat-Tribunal. Id-difensuri tal-appellanti ipprezentat nota ta' Charles Anthony Falzon li wera l-interess li jippartecipa fil-proceduri quddiem l-ERA.

L-artikolu 59 kif fuq inghad ighid li kull persuna tista' turi interess f'applikazzjoni quddiem l-ERA bil-mod preskritt u f'dan il-kaz l-unika prova li ingiebet ta' dan l-interess hu ta' Charles Anthony Falzon. Ma gie prezentat xejn fir-rigward tal-persuni l-ohra imsemmija mill-appellat u ghalhekk ma jistax jinghad li Joan de Jong, Simon Camilleri u Angele Camilleri kellhom locus standi quddiem it-Tribunal u aktar quddiem din il-Qorti. Skont l-artikolu 47(4) tal-Kap. 549 kull parti aggravata setghet tappella quddiem it-Tribunal. F'dan il-kaz Charles Anthony Falzon ma kienx appellant quddiem it-Tribunal. Madankollu l-artikolu 50(2) tal-Kap. 551 ighid li kull parti li ippartecipat quddiem it-Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti. Fl-atti tat-Tribunal hemm prova li Charles Anthony Falzon wera l-interess li jippartecipa fl-appell quddiem it-Tribunal. Ghalhekk Charles Anthony Falzon kellu l-fakolta jappella quddiem il-Qorti.

Induru lura ghas-sottomissjoni tal-appellat kif gia riprodotta

Din il-Qorti tapprezza l-argument li qed isir mis-socjeta appellata izda ma taqbilx mieghu ghal kollox. Is-socjeta appellata qed tipprezumi li t-terzi li ippartecipaw jew

appellaw quddiem it-Tribunal kollha ghandhom l-istess interess identiku. Dan mhux il-kaz. B'zieda qed jigi erronjament prezunt li d-decizjoni tal-Awtorita u dak tat-Tribunal baqghu l-istess. Jista' jkun hemm terz li hu kuntent bl-ezitu tad-decizjoni tal-Awtorita u skuntent bid-decizjoni tat-Tribunal kemm jekk appella l-applikant kif ukoll jekk appella terz. L-artikolu 50(2) hu car f'dan l-aspett.

> L-appellant fi proceduri quddiem it-Tribunal u kull persuna ohra li ippartecipat fl-appell jistghu jappellaw minn decizjonijiet tat-Tribunal.

Il-kelma 'partecipazzjoni' gia giet kunsidrata minn din il-qorti fis-sentenza **Patrick Guntrip** tad-19 ta' April 2023.

Madankollu din il-Qorti taghmel eccezzjoni li tirrizulta f'dan il-kaz. La darba d-decizjoni tat-Tribunal ikkonfermat id-decizjoni tal-Awtorita, il-mistoqsija tqum dwar l-interess tal-appellant li kien komdu bid-decizjoni tal-Awtorita u d-decizjoni tat-Tribunal ma biddlet xejn. Ghalkemm il-kuncett ta' interess hu wiesa' fl-ippjanar xorta jipprevali l-principju li hadd ma ghandu jabbuza minn dritt moghti bil-ligi. Din il-Qorti tqis li ghandha tigi riformata legislattiviment il-mod kif wiehed joggezzjona ghal zvilupp u d-drittijiet u obbligi sussegwenti naxxenti minn tali oggezzjoni biex jigi evitat kull forma ta' abbuz anki dak biss relatat ma' dilungar eccessiv tal-proceduri.

Lura ghal dan il-kaz il-Qorti tqis li l-eccezzjoni tas-socjeta appellata hi valida fil-konfront tal-persuni kollha msemmija mill-appellanti cioe Joan de Jong, Simon Camilleri, Angele Azzopardi billi ma giex pruvat li ippartecipaw quddiem it-Tribunal u fil-kaz ta' Charles Anthony Falzon ghaliex la darba kien fi qbil mad-decizjoni tal-Awtorita billi ma appellax quddiem it-Tribunal ma setax jabbuza mill-process gudizjarju billi jappella mid-decizjoni tat-Tribunal li ikkonfermat dak is-sejbien tal-Awtorita. Ghalhekk l-appell taghhom hu null. Spejjez ghall-dawn l-appellanti

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur